# GĦADDI MALAJR, ĠESU'!

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Għaddi malajr, Ġesù!
Tiqafx, tiqafx hawn magħna!
Għalfejn inżilt mill-ġdid
f'dal-ġenn u ġlied u demm fid-dinja tagħna?

Ħaffef il-mixja! Insejt
kemm huma n-nies bla ħniena:
kif dawk li Int fejjaqt
ħallewk ukoll meta qatluk il-ħżiena?

Tiftakar kemm ħallew
id-djar u l-qraba tagħhom
biex jiġġerrew warajk:
u Int, ħanin, imħabbtek kollha magħhom

urejt fl-egħġubijiet,
għallimt bi kliem tas-Sewwa
u ħfirt lill-midinbin:
u qamu wkoll għalik, qatluk l-egħdewwa!

Issa, għalfejn ġejt hawn
mill-ġdid f'dil-art tal-ħtija
fejn għadhom il-bnedmin
jiħraxu fil-mibegħda u fil-moħqrija?

Itlaq minn hawn, la ddumx!
Jew, jekk trid tibqa' magħna,
xejjen il-qlub xerfin
u oħlom Int oħrajn fis-sider tagħna!